# IĊ-ĊENTRU PARROKJALI TAL-KATIDRAL

minn
Frank Grech

GĦAL DARBA OĦRA reġgħet għaddiet sena minn fuq iċ-ċentru Parrokkjali tal-Katidral, sena li matulha saru diversi attivitajiet li għenu sabiex ikomplu jitkattru l-aspetti tal-kultura u t-tagħlim fid-Djoċesi ta' Għawdex.

Kien fit-22 ta' Diċembru 1979 meta l-Eċċelenza Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi inawgura l-Librerija Parrokkjali tal-Katidral fl-uffiċċju ta' l-amministrazzjoni tal-Katidral. Minn dak in-nhar sa llum għaddew kważi sbatax-il sena. Matul dawn is-snin il-librerija dejjem tat servizz siewi mhux biss lill-Parroċċa tal-Katidral imma lil Għawdex inġenerali. Minn sena għal sena in-numru ta' kotba reġistrati fil-librerija qiegħed dejjem jiżdied. Preżentament, l-ammont ta' kotba li huma reġistrati qabeż il-45,000 ktieb. Għalkemm dan l-ammont ta' kotba ma huwiex xi wieħed kbir meta mqabbel ma' libreriji oħra fuq livell terżjarju, wieħed jista' jgħid li huwa ammont sabiħ meta nqisu l-eta' żagħżugħa tal-librerija. Ta' min jikkonsidra li minn Awwissu tal-1995 ġew irreġistrati 5,000 ktieb; dan jfisser medja ta' 13-il ktieb kuljum.

Il-maġġoranża tal-kotba għadhom jaslu mill-Amerika mingħand Rev. Anthony Mercieca; benefattur ewlieni li jibgħat 'il fuq minn elfejn ktieb fis-sena. Kotba oħra jiġu mogħtija minn benefatturi diversi. Matul dawn l-aħħar snin il-librerija bdiet tispeċjalizza f'suġġetti akkademiċi terzjarji, b'riżultat li ġiet iktar mfittxija minn studenti universitarji Għawdxin u Maltin. Il-librar jaċċetta bil-qalb kull għotja ta' kotba li ndividwi ġenerużi jogħġobhom jirregalaw. Ktieb f'librerija pubblika huwa aktar ta' użu milli jibqa fuq xi xkaffa ta' librerija privata.

Bħas-sena li għaddiet, fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral reġgħu ġew organizzati diversi korsijiet għal matul ix-xhur tas-sajf. Wieħed mis-suġġetti li qiegħed jiġi mogħti importanza fid-dinja tal-lum huwa dak ta' l-informatika. Bizzejjed ngħidu li fis-suġġett tal-*computer* għandna ħames klassijiet differenti li jvarjaw minn studenti żgħar ta' seba' snin sa studenti adulti li tinteressahom id-dinja tat-teknoloġija. Barra mill-korsijiet fl-informatika u l-*computers*, qegħdin isiru wkoll diversi korsjiet fil-lingwi, xjenzi, *business studies*, kif wkoll arti. Matul is-sena skolastika li għaddiet, saru wkoll korsijiet fir-religjon u fl-oqsma ta' l-għerf (S.O.K.). Studenti li attendew għall-kors fl-Oqsma ta' l-Għerf frankaw li joqogħdu jitilgħu Malta għall-fatt li qabel ġie offrut dan il-kors fiċ-Ċentru Parrokjali tal-Katidral, kien diffiċli li ssib nies kwalifikati li jgħallmu dan is-suġġett f'Għawdex.

Dan is-sajf iċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, reġa' kellu numru ta' studenti ħaddiema li kienu ferm utli biex ssir kwantita' kbira ta' xogħol li ilu jinġabar mix-xhur tax-




xitwa speċjalment fejn jidħol xogħol ta' reġistrar ta' kotba.

Ta' kull nhar ta' Ħadd issir il-quddiesa għat-tfal. Għal din il-quddiesa jatttendu wkoll persuni xjuħ u kif wkoll dawk b'diżabbilita' li jsibuha diffiċli sabiex jitilgħu l-Katidral. Grazzi għas-servizz tal-*minibus* li tgħaddi mill-periferiji tar-Rabat, l-ammont ta' tfal li jattendu l-quddiesa tal-Ħadd kien u għadu wieħed numeruż għalkemm qegħdin fix-xhur sħan tas-sajf fejn kważi kulħadd jerħilha għall-baħar. Minbarra l-quddiesa tal-Ħadd, wieħed jista' jattendi wkoll għall-quddiesa li ssir kuljum fid-disgħa u nofs ta' filgħodu u li hija intenzjonata għall-pubbliku inġenerali.

Is-7 ta' April 1996 tibqa' ġurnata memorabli għaċ-ċentru parrokkjali tal-Katidral. Ġurnata li matulha il-Parroċċa tal-Katidral u s-Soċjeta' Filarmonika Leone iffirmaw ftehim li jirregola aħjar ir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Punt importanti f'dan il-ftehim jinkludu li l-armar tal-festa jiġi transferit għall-maħzen ġdid misluf mill-Parroċċa tal-Katidral lis-Soċjeta' Filarmonika Leone, kif wkoll li l-bini taċ-Ċentru Parrokjali jibda jiġi wżat biex jakkommoda l-ħtiġijiet relatati mal-kultura u l-edukazzjoni nisranija u skopijiet pastorali. Dan il-ftehim ġie ffirmat nhar Ħadd il-Għid fl-okkażjoni tal-Viżta Pastorali li l-E.T. Mons. Isqof għamel lill-Parroċċa kif wkoll fl-okkażjoni tal-ħatra ta' Mons. Joe Vella-Gauci bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa tal-Katidral.

Iċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral, huwa dejjem miftuħ sabiex jilqà, fih dawk il-persuni li jridu jżuruh biex jaraw b'għajnejhom il-ġid spiritwali, kulturali u edukattiv li qiegħed isir għall-ġid tas-soċjeta' Għawdxija. Nieħu l-opportunita' sabiex infakkar lil dawk il-membri li għadhom ma ġeddewx il-*membership* tal-librerija sabiex jagħmlu dan fi żmien raġjonevoli.